MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2010

Numru. 343/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Richard sive Rachela Spiteri**
**Omissis**

**Fil-konfront ta' Richard sive Rachela Spiteri**

Kumpilazzjoni Numru: 343/2010

Illum, 31 ta' Mejju 2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi

Richard sive Rachela Spiteri, ta' 39 sena, iben missier mhux maghruf u Mary Rose Spiteri, imwieled Pieta nhar l-20 ta' Frar 1971 u li joqghod fil-fond numru 60 Flat 1 Old Hospital Street Valletta, u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 118271(M);

U Omissis

Akkuzati talli

Fil-5 ta' Marzu, 2010, ghall-habta tat-3:45 p.m fil-Mellieha:
1. Ikkommettew serq ta' flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Edward Buttigieg, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centemzu (€2329.37) u bil-persuna;
2. Fi triq jew f'post iehor pubbliku, jew f'post espost ghall-pubbliku, tlajjaw jew ghamlu biex ihajjru ghall-iskop ta' prostituzzjoni jew ghall-skopijiet ohra immorali;
3. rrendew rwiehom recidivi ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi huma definittivi w li ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(c)(d), 267, 268 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat id-dokumenti esebieti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-fatt li huwa lest li jhallas sehemu mill-ammont misruq. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(c)(d), 267, 268 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spejgat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-Ufficju tal-probation biex jigi assenjat ufficjal ghas-sorveljanza ta'l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------